MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Numru. 143/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Majoeddin Ayad**

Kumpilazzjoni numru: 143/2009

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Majoeddin Ayad ta’ 32 sena, iben Maftah u Zohra nee’ Ayad imwieled il-Libya fit-22 ta’ Jannar, 1977 u residenti fil-fond numru 24, Arcadia, Triq is-Summiena, Fgura, u detentur tal-karta ta’ l-Identita numru: 27234A.

Akkuzat talli fid-9 ta’ Ottubru, 2008 b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz,

jew bili nqeda b'qerq iehor, ingann, jew bili wera haga b'ohra sa biex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' €275 ghad-dannu ta' Charles Borg minn Had Dingli, u 660 Euros qliegh ghad-dannu ta' Raniero Borg minn H'Attard.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq cioe' il-qliegh ta' somma ghal valur ta' 275 Euros ghad-dannu tal-imsemmi Charles Borg minn Had Dingli waqt li kien fil-fond Beta Centre sitwat fi Triq Haz Zabbar, Fgura u l-qliegh ukoll ta' somma ghal valur ta' 660 Euros ghad-dannu tal-imsemmi Raniero Borg minn H'Attard waqt li kien fil-fond "Sunset Farmhouse' sitwat f'Tal-Barrani, Hal Ghaxaq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat il-provi.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 2 ta' Ottubru 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reati u minn-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, il-fatt li pendente lite huwa hallas l-ammonti minnu dovuta, u l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti u wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------